29 ta' Mejju, 1953

Imħallfin :—

Is-S.T.O. Dr. L.A. Camilleri, LL.D., *President*;

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.;

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Neg. John Coleiro ne. *versus* Onor. Dr. Giorgio Borg Olivier et. ne.

**Appell lill-Kumitat Ġudizzjarju tal-Maestà Tagħha r-Reġina — Malleverija — Eżenzjoni — Kuruna — Gvern ta' Malta — Art. 4 ta' l-Order in Council tat-22 ta' Novembru 1909 — Art. 908 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*L-Order-in-Council li jirregola l-appelli lill-Kumitat Ġudizzjarju tal-Maestà Tagħha r-Reġina ma jsemmix li l-Kuruna hija eżenti milli tippresta l-malleverija għall-ispejjeż ta' appell lill-Privy Council.*

*Fil-każ preżenti l-Qorti tat digriet fejn kienet imponiet lill-Gvern ta' Malta jippresta din il-malleverija f'appell li ried jagħmel quddiem il-Privy Council. Però l-istess Qorti, wara li kkunsidrat mill-ġdid "ex professo" dan il-punt, waslet għall-konklużjoni li l-Kuruna hija eżentata milli tippresta dina l-malleverija; u għalhekk immodifikat f'dan is-sens id-digriet tagħha preċedenti.*

*Fil-kontest ta' dawn l-appelli, il-kelma "Kuruna" tikkomprendi l-Gvern ta' Malta.*

Il-*Qorti* — Rat fil-fol. 62 ir-rikors, li bih il-konvenuti talbu li jiġi varjat id-digriet ta' din il-Qorti tas-16 ta' Marzu *1953*, li bih ingħata lilhom il-permess kondizzjonali ta' l-Appell lill-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kunsill Privat, billi titneħħa dik il-parti tad-digriet li biha ġiet imposta l-prestazzjoni tal-malleverija f'ċertu terminu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-obligu tal-malleverija jinsab preskritt fl-art. 4 ta' l-Order-in-Council tat-22 ta' Novembru *1909* (*kif emendat* bl-Order-in-Council tal-5 ta' Novembru 1942), li jirregola l-appelli minn din il-Qorti lill-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kunsill Privat;

Illi f'dan l-artikolu ma jissemmiex li l-Kuruna hija eżentata milli tippresta l-malleverija, u fid-digriet tagħha preċedenti din il-Qorti ħadet il-veduta li, ġa ladarba l-Order-in-Council kien jiddisponi fuq il-malleverija bla ma jeżenta l-Kuruna, għalhekk dehrilha li ma setax isir riferiment għad-dispożizzjoni tal-liġi lokali kontenuta fl-art. 908 Kap. 15, għax dan l-artikolu jeżenta l-Kuruna fin-nuqqas ta' dispożizzjoni speċjali in kuntrarju, u fil-liġi speċjali (ċjoè l-Order-in-Council) kien hemm l-impożizzjoni tal-prestazzjoni tal-malleverija bla ebda eċċezzjoni favur il-Kuruna;

Illi però, wara rikonsiderazzjoni "ex professo" ta' dan il-punt, din il-Qorti tħoss li jkun spedjenti li dak id-digriet jiġi varjat, għal dawn il-motivi;

1. Għalkemm fl-Order-in-Council ma tissemmiex l-eżenzjoni, eppure l-Privy Council, fid-deċiżjonijiet ċitati fil-kawża "Strickland vs. Sammut ne." imsemmija aktar l-isfel, eżenta lill-Kuruna mill-prestazzjoni tal-malleverija. Veru hu li, kif jgħid il-Bentwich, "Practice of the Privy Council", 3rd. edition, p. 104, "the Court below is generally absolutely bound by the rules of the Order-in-Council or other instrument which governs the admission of the appeal......", u f'dawk ir-"rules" l-eżenzjoni ma tissemmiex; imma din hija l-interpretazzjoni li tad-dispożizzjoni rigwardanti l-malleverija ġiet mogħtija mill-istess Privy Council, li "in subjecta materia" hija l-Qorti regolatriċi;

2. Kif ingħad, fl-Order-in-Council ma tissemmiex l-eżen-

zjoni, iżda fl-istess ħin ma hemm xejn inkompatibili ma' dik l-eżenzjoni; vwoldiri l-Order-in-Council ma jiddisponix li lanqas il-Kuruna ma hi eżentata. Issa, fil-ġurisprudenza nostrali dwar dawn l-appelli lill-Privy Council jingħad hekk :— "Atteso che è di regola che si deve procedere secondo le leggi promulgate dall'autorità legislativa di queste Isole, quando con Atti del Parlamento Imperiale, o per via di Ordini di Sua Maestà in Consiglio, non venga disposto diversamente" (ara Appell "Luke vs. Scicluna, 26 ta' April 1869, Vol. V pag. 112, u "Dimech vs. Chretien", 5 ta' Novembru 1928);

Mela, ladarba ma hemmx dispożizzoni kuntrarja fl-Order-in-Council, ma jidherx skorrett li wieħed japplika d-dispost ta' l-art. 908 Kap. 15, li jeżenta lill-Kuruna mill-obligu tal-malleverija meta ma jkunx hemm dispożizzjoni kuntrarja;

F'dan il-każ, l-appellant hu proprjament il-Gvern ta' Malta, u ċertament, mill-punto di vista tekniku u kostituzzjonali, hawn Malta taħt aspetti oħra wieħed jista' jiddistingwi bejn il-Kuruna ("the Crown"), il-Gvern Malti, u l-Gvern Imperjali Malti (ara l-ewwel artikolu nterpretativ tal-Malta Constitution Letters Patent, 1947), tant li f'ċerti liġijiet, per eżempju fl-art. 36 ta' l-Ordinanza III ta' l-1943, il-leġislatur jitħaddet partitament fuqhom bil-kliem "on behalf of the Crown, the Government of Malta, or of the Naval, Military or Air Force Authorities". Iżda f'dan il-kontest ta' l-appelli, il-Qorti jidhrilha li l-Gvern ta' Malta hu kompriż fil-kelma "Kuruna" taħt l-aspett l-ieħor kostituzzjonali li jikkunsidra l-Kuruna fl-aspett tripliċi, ċjoè "the Crown in Parliament", "the Crown in its Courts", "and the Crown in the Council". U l-Gvern Malti għandu jitqies parti mill-Kuruna fil-Leġislativ u fl-Eżekutiv ta' Malta;

3. Din il-Qorti diġà segwiet f'każijiet oħra l-interpretazzjoni tal-Privy Council, u eżentat il-Gvern mill-garanzija (ara "Strickland vs. Sammut ne.", 11 ta' Marzu 1938, Vol. XXX-I-111), u għalhekk hu desiderabili li tinżamm din il-ġurisprudenza;

Għalhekk il-Qorti tipprovdi fuq ir-rikors billi tilqa' t-talba, u teżenta lill-Gvern konvenut mill-prestazzjoni tal-malleverija.

---